**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Sebgħa u għoxrin (28)**

**26 ta' Marzu 2026**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Aaron Agius – Viċi Sindku**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**28.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

**28.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-Membri kollha kienu preżenti.

**28.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 27 u Skeda ta' Pagamenti 3;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 27 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 3 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

Dr. Kevin Cutajar kif ukoll Dr. Francienne Muscat talbu li ssir emenda f'punt numru 27.4, liema emenda ġiet approvata. Il-minuti kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

**28.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri dwar:

- Iċ-Ċentru Ċiviku – Minn l-aħħar laqgħa kellna Stop Notice rigward Safety. Ġie diskuss l-problema tal-Perit minħabba n-nuqqas ta' kollaborazzjoni li qed insibu. Dr. Kevin Cutajar iddikjara kunflitt ta' interess u allura irtira mill-kamra sakemm din il-materja ġiet diskussa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li hemm bżonn isiru l-verifiki dwar jekk il-Kuntrattur hux qed jagħmel sub-contracting minħabba li fit-tender ma kienx iddikjara li ser jagħmel dan. Kien hemm qbil li għandhom jinkitbu l-ittri sew lill-Kuntrattur kif ukoll lill-Perit biex jirregolaw ruħhom u jittieħdu l-passi li hemm bżonn biex il-proġett jimxi l-quddiem. Is-Sindku nfurmhom illi ġejna assistiti mill-Health and Safety officer, s-Sur Joseph Camilleri sabiex stajna nissottomettu d-dokumenti meħtieġa u s-Stop Notice tkun tista tiġi lifted. Jekk ma jerġa jinqala xejn, ix-xogħol jkun jista jitkompla.

- Proġett tal-Belveder tal-Qaċċa – MGP qed jistennew biex il-bidder li rebaħ it-tender imur jiffirma l-works order biex ikun jista jibda.

- Proġett tal-Playing Field – L-Perit infurmana li sat-Tnejn għandu jkollu kollox lest biex ikun jista jmexxi ma Project Green.

- Proġett Sqaq tal-Mitħna – Il-Perit għandu jlesti kollox dal-weekend u jibgħatilna diversi options, bħal ma hu l-porfido.

- Xogħol ta' Resurfacing – L-inħawi kollha tan-Nazzarenu huma lesti u kompluti. Proġett li ġie tajjeb ħafna minħabba li issa hemm infrastruttura kif ukoll servizzi

kollha ġodda. Triq il-Mitħna kif ukoll Triq John Otto Bayer huma wkoll kompluti bis-servizzi tal-ilma mibdula.

- Beda x-xogħol ukoll fi Triq Masri, din id-darba resurfacing tal-gandott u ser jitkompla r-resurfacing ta' parti minn Triq Għajn Qamar wkoll. Il-ġimgħa d-dieħla ser jibda x-xogħol biex jinbidlu l-mains tal-ilma f'parti minn Triq il-Knisja u wara jsir ir-resurfacing tat-triq kollha. Dan dejjem skond kif hu nfurmat mill-Kuntrattur għaliex jistgħu jinbidlu l-pjanijiet pero' sa issa din hi l-informazzjoni li għandu. Is-Sindku semma li rċieva diversi talbiet ta fejn saru t-toroq biex inkomplu nżidu parti oħra pero' minħabba l-finanzjament involut, għalissa ma nistgħux.

- Proġett ta' Resurfacing ta' żewġ kilometri – Għadu fl-istess stadju kif ġie kkomunikat fl-aħħar laqgħa.

- Proġett Calypso – Għad ma għandniex aktar updates sa issa. Dr. Francienne Muscat ssuġġeriet li għandna nerġgħu nitolbu għal update.

- Sqaq in-Nenus – Qed nistennew li jinħelsu x-xogħolijiet pendenti, ħalli jkunu jistgħu jagħtu l-konkos hemm ukoll.

- Go Phone Box tal-Pjazza – Jidher li hemm xi żviluppi pero' ngħaddu aktar dettalji malli jkollna l-informazzjoni.

- Fig Festival – Irċivejna tweġiba li ser jiġu żewġ persuni minn Carmigniano.

- Proġett tal-wiring tal-Pjazza. Ma hemmx update dwar dan.

- Il-problema ta' Joseph Refalo – Is-Sindku Victor Curmi nforma lill-membri li din il-ġimgħa kien iltaqa miegħu u kien hemm qbil li jitpoġġew il-katusi kbar biex nevitaw parti mill-problema. Għalhekk is-Sindku Victor Curmi ressaq din il-proposta għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan. Dr. Kevin Cutajar talab sabiex qabel ma jsir ix-xogħol għandha tiġi pprezentata stima tal-ispejjeż.

- Skema – Minn Pjazza għal Pjazza – Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri dwar il-possibilta' li l-Kunsill jissottometti applikazzjoni sabiex issir attivita' fil-Pjazza tal-Mitħna. Informa lill-membri wkoll li tkellem ma entita' li pproponew li ssir fil-Pjazza tal-Mitħna kif ukoll ippreparaw brief tal-attivita'. Din il-materja ġiet diskussa u kien hemm qbil dwar it-tema – Tieġ tat-Taħħan. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jqabbad organizattur sabiex jieħu ħsieb l-logistika kollha ta' din

l-attivita'. Il-Kunsill qabel ukoll fuq id-data tal-attivita' li għandha tkun is-Sibt, 1 ta' Awwissu 2026 jew il-25ta' Lulju 2026.

- Is-Sindku Victor Curmi semma li l-Bring in Sites tat-Tafla u ta' Triq Marsalforn huma mmoniterjati mil-LESA filwaqt li qed nieħdu ħsieb li jitranġaw il-cameras tal-Marġa. Din il-ġimgħa erġajna ktibna lil LESA sabiex iżidu l-moniteraġġ. Iż-żona ta' ħdejn il-Bring in Sites ta' Triq Marsalforn tnaddfet kollha u twaħħlu t-tabelli.

- Rigward l-Agreement ta' Ġemellaġġ ma Rahovec qed tieħu ħsieb dak li hemm bżonn is-Segretarju Eżekuttiv.

- Proġett upgrade ta' Trejqet Ġorġ Ċini ser tingħata aktar informazzjoni mill-Perit Johan Camilleri

- Rigward it-Triq ta' Karkar sa issa għad ma għandna l-ebda update mill-aħħar laqgħa.

- Dwar il-World Cup Village – Dawn ġew jaraw il-post u sa issa għadhom ma tawniex risposta jekk hux se jsir hawn jew xi mkien ieħor.

- Proġett Ġnien tal-Mitħna – It-tender qiegħed fl-istadju ta' evalwazzjoni.

- Rigward is-Summer School – Is-Sindku Victor Curmi nforma lill-membri li l-istess għalliema tas-sena l-oħra jistgħu joffru sessions għat-tfal kull nhar ta' Sibt bejn id-9.00 u l-12.00 jibdew matul Lulju u Awwissu.

- Rigward il-BCRS depot – applikajna mal-Lands biex naraw iż-żona ta' ħdejn tat-Tafla hix privata jew pubblika. Tnieda proġett tal-BCRS bi ġbir mid-djar u din l-informazzjoni ġiet ppublikata fuq il-midja soċjali tal-Kunsill kif ukoll fid-day centre. Is-Sindku Victor Curmi ppropona li darba fix-xahar il-Kunsill jibda joffri servizz ta' ġbir ta' flixkien bil-flus tagħhom imorru għal-karita'. Kien hemm qbil dwar dan.

**<u>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Marion Portelli dwar:</u>**

- Keep fit lessons - nerġgħu mmexxu bis-sessions.

- Staqsiet dwar x'inhu l-pass li jmiss biex tinbidel il-one way ta' Triq 28 ta' April 1688. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha li qed tippreżenta l-approvazzjoni ta' Transport Malta u jekk hemm qbil nimxu bl-implimentazzjoni. Dr. Francienne Muscat qalet li Triq San Guzepp kellha tiġi one way lejn Pjazza Sant Anton għax hekk it-traffic se

jgħaddi kollu minn Triq Spiera. Żiedet li kien hemm qbil li tinbidel Triq 28ta' April ġaladarba Triq San Gużepp tiġi one way.

*18.05 Dr. Francienne Muscat, Dr. Kevin Cutajar u Leanne Micallef irtiraw mill-kamra u s-Sindku Victor Curmi ssospenda l-laqgħa.*

*18.10 Dr. Francienne Muscat, Dr. Kevin Cutajar u Leanne Micallef reġgħu daħlu fil-kamra.*

Dr. Muscat talbet li din il-materja tgħaddi għal laqgħa li jmiss u jingħataw kopja tal-korrispondenza kollha li saret ma TM u mal-Perit tal-kunsill. Hi qalet li l-Kunsill kien diġa qabel li Triq 28 ta' April tigi one way jekk Triq San Ġużepp tiġi one way. Jekk ma tistax tiġi two ways allura nimxu għal plan B, jiġifieri li Triq 28 ta' April tiġi 2 ways. Hija qalet li bħala kunsill ninsistu li Triq San Ġuzepp tiġi one way kif tlabna oriġinarjament, jiġifieri li Triq San Guzepp tigi one way kif ukoll triq 28 ta' April it-tnejn li huma f'direzzjoni lejn Sant Anton.

Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta u nitolbu spjegazzjoni.

*18.25 Is-Sindku Victor Curmi ssospenda laqgħa sabiex jilqa lill-Perit Johan Camilleri*

*18.40 Il-Perit ħalla l-kamra u l-laqgħa tkompliet.*

Ingħata update dwar l–applikazzjoni tal-Kunsill sabiex ikkwalifikajna għall-fondi biex issir Trejqet Ġorġ Ċini. Ġejna ntitolata għal 75K fejn il-Kunsill irid ikopri għal 75K oħra. Il-bażi ta taħt ma kienux parti mill-fondi u allura l-Perit qed jitkellem mal-WSC biex jara jekk hemmx bżonn jinbidlu s-servizzi u allura tiħareġ LA. Il-ħsieb kien li jsir bil-porfidu u stone fittings mad-dawra.

- Il-Kunsilliera Marion Portelli infurmat lill-membri li llum kienet l-aħħar sezzjoni tal-Keep Fit u kien hemm qbil li dawn għandhom ikomplu jsiru għal term ieħor sal-aħħar ta' Ġunju.
- Staqsiet għad-data ta' Ġieħ ix-Xagħra – Se ssir is-Sibt, 25ta' April 2026.
- Staqsiet dwar l-Smart Bins u nfurmatna li hemm il-gate miftuħa. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li saret laqgħa ma Circular Economy Malta u kif kien ġie maqbul fil-laqgħar preċedenti, dan il-proġett ser jiġi terminat malli jispiċċaw il-fondi. Għalhekk dan ser jiġi terminat fl-aħħar ta' Mejju u l-bilanċ ser jinradd lura lil CE Malta. Il-Kunsill se jkun qed jinforma lill-operaturi u jintalbu jirritornaw l-access cards li kienu ngħataw. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-Kunsilliera Marion Portelli għamlet ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 28.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- Ġbir ta BCRS mid-djar
- Depot tal-BCRS(rilokazzjoni)
- Proġett tal-Playingfield

- CCTV Cameras
- Cameras ta' ħdejn il-bring in sites ta' Marsalforn.

**Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Leanne Micallef:**

- Talbet għal update rigward il-paws tal-Kortoll – Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li għadna nistennew risposta minn TM
- Staqsiet jekk hemmx qbil li jsiru courses ta' First Aid via Job Plus. Kien hemm qbil biex dawn isiru u se tieħu ħsieb tara jekk jistgħux isiru s-Sibtijiet.
- Staqsiet għal opinjoni tal-Kunsill dwar il-possibilta' li jsiru korsijiet tal-beginners tat-Taljan. Is-Sindku Victor Curmi qal li għalkemm jaqbel fi prinċipju,
- jemmen li jekk isiru fit-Taljan jkunu jridu li jsiru f'suġġetti oħra.
- Semmiet li fiż-żona tan-Nazzarenu kien hemm xi ħofor li ngħalqu u dawn kienu jintużaw għal bandalori. Kien hemm qbil li dawn għandhom jerġgħu jsiru.

Il-Kunsilliera Leanne Micallef għamlet ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 28.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- Patching fi Triq l-Għejjun
- BCRS update

**Mistoqsijiet mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar:**

- Staqsa għal update dwar l-street hump fi Triq Mannar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li TM wieġbu li jekk għandna approval tagħha tista terġa ssir pero' fil-Kunsill ma nstabx dan l-approval. Ser terġa tibgħat reminder lil TM biex jaraw min naħa tagħhom għandhomx.

Dr. Cutajar għamel ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 28.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- Sqaqin Nenus u Pergla
- BCRS
- Update dwar Proġett Funtana ta' ħdejn il-Mitħna
- Tabella Stop Sellum
- Żviluppi fuq Triq Karkar
- Update dwar asfaltar ta' toroq u partikularment il-problema ta' Joe Refalo fi Triq
- Ramla Management plan u parkings disabled.

**28.5 Kunsiderazzjoni ta'xogħol mill-Minuti preċedenti**

Dr. Francienne Muscat infurmat lill-membri li l-Clean up se jippruvaw li ssir għal 15th April.

Semmiet l-Għeluq tal-pjazza – Talbet biex titressaq fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss.

Talbet għal kalendarju tal-Wednesday Gigs. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li se jintbgħat lil kulħadd.

Staqsiet għal update dwar il-Masterplan tar-Ramla – no update. – Talbet biex nitolbu għal time frame mill -MGP.

Progett Calypso – Dr. Muscat talbet li nitlobu għal update mill-MGP.

Laqgħa mal-Ministru – talbet li nibgħatu tfakkira għal din il-laqgħa.

*18.57 Il-Viċi Sindku Aaron Agius irtira mill-kamra.*

**<u>28.6 Traffic Management ta' diversi toroq inkluż Triq 28ta' April 1688, Triq Ġorf u Triq Mannar</u>**

Triq 28 ta' April 1688 – Ġew diskussi f'punt numru 28.4

Triq Gorf – Is-Sindku Victor Curmi stqarr li kellna diversi rikjesti ta kif se jsir it-Traffic Managment ta' dawn it-toroq. Qal li ilu jitħabat biex jitneħħa l-ħajt ta' karkanja li qiegħed jieħu ħafna spazju. Suppost li jekk ma jitneħħix il-ġimgħa d-dieħla suppost li ser jitneħħa l-Ġimgħa ta wara. Kien hemm qbil li nitkellmu mal-Perit tal-Kunsill sabiex jibda t-Traffic Management ta' Triq Mannar u Triq Ġorf. Kien hemm qbil dwar dan.

Ġew ipprezentati Junction A u Junction B ippreparati mill-Perit tal-Kunsill. Kien hemm qbil ma dawn.

Dr. Francienne Muscat staqsiet għal update dwar Traffic Management ta' Triq Marsalforn. Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li bħalissa, qabel ma titlesta Triq ir-Rabat, ma jista jsir xejn. Suppost li sa Ġunju għandha tinfetaħ it-triq. Dr. Muscat semmiet li hemm problema kbira speċjalment jekk ikun hemm bżonn ambulanza. Għalhekk issuġġeriet li forsi ssir one-way temporanjament. Is-Sindku qal li l-Perit bagħtilna d-daħliet ta' Marsalforn, għalhekk naraw jekk japprovawhomx TM u jekk hemm qbil immexxu bihom. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Sindku Victor Curmi ssuġġerixxa li soluzzjoni li tista tgħin hu jekk jipparkjaw biss ir-residenti. Bħalissa qed jipparkjaw nies oħrajn, bħal turisti. Kien hemm qbil li naraw xhemm bzonn li jsir dwar dan is-suġġeriment.

**<u>28.7 Skemi maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali SPI.SCI.01.2026 – SPI. SCI.06.26</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskemi msemmija. Kien hemm qbil sabiex napplikaw għal skema SPI.SCI.01.2026 sabiex tittella l-attivita' tal-Fig Festival nhar is-26ta' Ġunju ġewwa Pjazza Vitorja. L-iskemi l-oħrajn ser jerġgħu jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

**28.8 Applikazzjoni għal attivitajiet kreattivi marbutin mas-Sena tal-Gastronomija 2026 u sejħa għall-proposti mill-ERA għall-ħsarat mġarrfa mill-maltempata 'Harry'.**

Applikazzjoni għal attivitajiet marbutin mas-Sena tal-Gastronomija.

Din il-materja ġiet diskussa u kien hemm qbil sabiex napplikaw biex isiru korsjjiet tat-tisjir ta' ħelu u ikel tradizzjonali bħal ma huma l-qassatat, qagħaq tal-għasel u ħelu bl-ilma żahar. Kien hemm qbil li dawn il-korsijiet jibdew fid-9ta' Mejju 2026.

Skema ERA

Irċevejna Sejħa ta' proposti mill-ERA biex tappoġġja għajnuna finanzjarja fuq tiswijiet għal ħsarat ikkawżati mill-maltempata 'Harry'. Dan jipprovdi opportunità għall-Kunsilli Lokali biex jaċċessaw fondi ta' appoġġ għat-tiswija u r-restawr ta' spazji pubbliċi milquta mill-maltempata. Applikajna sabiex isiru 3 ħitan tas-sejjiegħ li waqaw bil-maltempata. Ħitan fi Triq Sruġ, Wied tal-Għeżien u Triq tal-Marġa. Kien hemm qbil ma dan.

**28.9 Nominazzjonijiet – Jum ix-Xagħra.**

Is-Sindku Victor Curmi nforma lill-membri li rċivejna 4 nomini:

- L-ex Arċipriet Dun Carm Refalo, Karistu Sultana, Joseph Bajada u Sopran Rita Dimech.

*19.43 - Kevin iddikjara Kunflitt ta' interess minħabba li hu qarib ta' Karistu Sultana u għalhekk irtira mill-kamra.*

Din il-materja ġiet diskussa u wara għaddew għal vot. B'żewġ voti favur Karistu Sultana u tlett voti favur s-Sopran Rita Dimech, l-Ġieħ ser jingħata lis-Sopran Rita Dimech.

Is-Sindku Victor Curmi ippropona li għas-serata ta' Ġieħ ix-Xagħra l-Kunsill jagħti rikonoxximent lill-għaqdiet kollha għal ħidma u l-kontribut tagħhom fir-rahal. Issuġġerixxa wkoll li nibdew nagħtu rikonixximent speċjali lil ċittadin li għamel isem lir-raħal, rikonoxximent speċjali li jinbidel kull sena. Kien hemm qbil dwar dan.

Bit-titlu ta' rikonoxximent speċjali din is-sena l-Kunsill iddeċieda li ser jingħata lil Ġuiseppina Galea tal-unur li hija għamlet lir-raħal tagħna bl-achievements ta' awards fil-Gold Special Olympics Word Games. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**28.10 CCTV Cameras**

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li bdew jitpoggew l-arbli u l-cameras. Ix-xogħol huwa wieqaf minħabba li jonqoshom xi parts tal-cameras. Spjega li ltqajna ma problema fin-Nazzarenu, l-arblu tpoġġa fl-appoġġ ta' bejn post ma ieħor u sid il-post

qed jgħid li l-arblu se jtellef minħabba li se jwaqqa l-post u issa l-arblu se jiġi fil-bieb. Dr. Francienne Muscat iddikjarat li dan ir-resident hu kugin tagħha u allura ma kinitx se tidħol fid-deċizjoni. Is-Sindku Victor Curmi issuġġerixxa li l-cameras jitwaħħlu xorta hemm u ssir dikjarazzjoni bil-miktub mill-Kunsill li jekk dan ir-resident eventwalment iġib il-permessi meħtieġa biex isir xi żvilupp din għandha titneħħa kompletament. Hu nforma lill-membri li tkellem ukoll ma Fr Joe biex jara jsibx oġezzjoni li teħel maċ-Ċentru pero' ma aċċettax. Il-Kunsilliera Leanne Micallef se terġa titkellem ma Fr. Joe dwar dan. Dr. Francienne Muscat staqsiet jekk nistgħux niċċekjaw jekk din tistax ssir bid-dawl minflok bis-solar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ll-Kuntratt ikopri l-cameras li jaħdmu bis-solar. Dr. Francienne Muscat ħa ssaqsi lir-resident biex tara jaċċettax li titpoġġa l-pannella fuq il-bejt filwaqt li l-Kunsilliera Leanne Micallef ħa tiċċekja jekk sid il-propjeta ta' quddiem il-knisja jaċċettax li teħel mal-propjeta tiegħu.

**28.11 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Dar Bjorn testendi l-istedina tagħha sabiex nżuru id-dar Ħaż-Żebbuġ. Hemm programm mfassal għal żjarat ta' 70 ruħ b' kontribuzzjoni ta' €10 kull persuna.
- Wara ittra mill-Kunsill lil Inġiniera sabiex jibdew jintużaw trinek tad-dawl fil-pjazza li tħaffru u mhux jintużaw, irċevejna korrispondenza li tgħid li fi-preżent minħabba xogħlijiet oħra ma jistgħux jiġu allokati cables u ħaddiema għal dan il-proġett.
- Il-Kumitat tal-Ġirja ta' Għawdex qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill għall-edizzjoni ta' din is-sena billi joffri s-somma ta' €8,000 sabiex ikopri diversi servizzi.
  *20.05 - Dr. Francienne Muscat iddikjarat kunflitt ta' interess u għalhekk ħarġet mill-kamra.*
  Din it-talba ġiet diskussa. Is-Sindku Victor Curmi, Dr. Christian Zammit u l-Kunsilliera Marion Portelli qablu li jikkolaboraw sa massimu ta' €6500 li hi l-istess ammont bħas-sena l-oħra. Il-Kunsilliera Leanne Micallef u Dr. Kevin Cutajar ma qablux u ddikjaraw li xtaqu jżidu s-somma ta' kollaborazzjoni għal €7,000. Għalhekk se nkunu qed nikkolaboraw sa massimu ta' €6500.
- Espressjoni ta' Interess mid-Diviżjoni tal-Kunsilli Lokali (DLG) sabiex napplikaw għall-inizjattiva minn Pjazza għal Pjazza 2026. (Deadline: Sa nhar it-28 ta' Marzu). Kien hemm qbil li napplikaw u jekk nikkwalifikaw l-attivita' titmexxa mis-Sur Gordon Bonello skont il-kwotazzjoni tiegħu għal prezz ta'€4200 sabiex tkopri l-logistika ta' din l-avveniment.
- Sabiex il-Kunsill Lokali jistipula policies għal spazju tal-encroachment għall-istabilmenti bgħatt ittra lit-Trades b'risposta li tali permessi ma jaqgħux taħt ir-responsabbilta ta' dan id-dipartiment.

- Il-Malta Wheelchair Basketball Association jixtiequ jorganizzaw esibizzjoni u għalhekk jixtiequ jiddiskutu dan f' laqgħa mal-kunsill. Kien hemm qbil sabiex nikkomunikaw magħhom b'suġġeriment li din l-attivita' ssir xi darba s-Sibt fil-Pjazza.
- Persuna tixtieq tagħmel sezzjonijiet tal-line dancing kif ukoll klassijiet taż-żfin. Ser nitolbu aktar informazzjoni.
- Irċevejna mill-Perit ta' Transport Malta dwar direttiva ġdida għal tqegħid ta' xi posta jew kiosks għal bejjiegħa tal-fjuri f'attivitajiet speċjali. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
- Inizjattiva mill-GRDA b'kollaborazzjoni tal-MGP sabiex isiru bicycle racks madwar Għawdex. L-applikazzjonijiet jagħlqu fit-30ta' Marzu 2026. Kien hemm qbil li napplikaw sabiex isiru l-bicycle racks fil-parkeġġ tar-Ramla, ħdejn l-iskola primarja, ħdejn il-mużew tas-subien kif ukoll ħdejn il-Clubhouse.
- Talba għall-kollaborazzjoni mis-Soċjeta Filarmonika Victory sabiex jittella l-programm funebri nhar it-30 ta' Marzu 2026. Kien hemm qbil li nikkolaboraw bħas-sena l-oħra, jiġifieri sa massimu ta' €750.
- Kwotazzjonijiet għal football gears – Sa massimu ta' €1000 għal 30 flokk li se jkollhom l-arma tal-kunsill. Kien hemm qbil li nipprovdu għal football gears pero' hemm bżonn li l-ewwel niksbu aktar dettalji min naħa tax-Xagħra United.
- Charging pillars locations – L-informazzjoni ntbgħatet lill-membri kollha.
- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat ittra ta' riżenja b'effett mis-6ta' April 2026, mingħand is-Sur Jesmond Gauci li serva fil-kariga ta' Assistent Prinċipali matul dawn l-aħħar xhur. Se jkun qed jingħata ittra ta' ringrazzjament mill-Kunsill.
- Notifika mix-Xagħra Scouts Group dwar attivita' li se ssir fl-24ta' Mejju fl-okkazjoni tat-18 -il Anniversarju tagħhom.
- L-Għaqda Briju se jkunu qed jorganizzaw Egg Hunt fil-Playingfield nhar l-4ta' April 2026.
- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' inventarju bin-numru 02/2026 li huma *obsolete* li ġew approvati unanimament. Għalhekk id-dokument ġie ffirmat mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv.
- Summer Bands Programme – Wednesday Gigs - Ser jerġgħu isiru mit-8ta' Lulju sat-2 ta' Settembru 2026.
- PA01721/26 u PA0173/26 – Ġew diskussi u Dr. Francienne Muscat ssuġġeriet li nitolbu l-parir mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Leanne Micallef iddikjarat li tixtieq li tiġa ssottomessa oġġezzjoni dwar PA01721/26. Kien hemm qbil li nitolbu l-parir tal-Perit dwar dawn iż-żewġ permessi u jiġi kkomunikat lill-membri.

- Fuq proposta tas-Sindku Victor Curmi li ġew sekondati mill-Kunsilliera Marion Portelli ġew ippreżentati dawn ir-riżoluzzjonijiet:

- No 1/26 – Li ssir talba għall-Amministrazzjoni ta' propjetà pubblika inkluż jkopri l-finanzjament għall-ispiża involuta fejn applikabbli. Qed nirreferu għal Xelter tal-Gwerra li jinsab fi Pjazza Vitorja fix-Xagħra Għawdex. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- No 2/26 – Li tinżamm attivita' fix-Xagħra relatata mas-sena tal-Gastronomija bħala parti minn Skema Reġjonali. Il-Kunsill se jkun qed jorganizza korsijiet dwar ikel u ħelu tradizzjonali lokali u l-prodott tal-ħelu finali għandu jiġu wkoll esebit għall-pubbliku. Kien hemm qbil li din l-attivita' ssir fuq tlett sezzjonijiet u tibda nhar id-9ta' Mejju 2026 u ġġib l-isem ta' Ikel tradizzjonali Malti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- No 3/26 – Fuq proposta tas-Sindku Victor Curmi li ġiet sekondata mill-Kunsillier Christian Zammit, il-Kunsill qed jaqbel unanimament li jtella' l-attivita' Kulturali Fig Festival 2026 u li ser jittella nhar is-27 ta' Ġunju 2026. Il-Kunsill qed jaqbel unanimament li mas-somma mogħtija lilu, jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15% għal din l-attivita'.

- Irċivejna l-Management letter għas-sena 2024, li ser inkun qed nipprepara tweġiba għaliha.

**28.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-21.00pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 23 ta' April 2026 fis-17.30pm.

Konfermati illum Il-Ħamis, 23 ta' April 2026

**IFFIRMATA**

**Victor Curmi**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**